**QORTI TAL-APPELL KRIMINALI**

**IMĦALLEF**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF SILVIO CAMILLERI LL.D.**

**Seduta tal-Ġimgħa 3 ta' Marzu 2017**

**Appell Nru: 125/2016**

**Il-Pulizja**

**(Spettur Frank Anthony Tabone)**

**vs**

**Joseph Curmi**

**Il-Qorti:**

**1.** Rat l-akkużi dedotti kontra l-appellant Joseph Curmi, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 371783M akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli:

> Nhar l-1 ta' Novembru, 2011, wara nofsinhar ġewwa l-post magħruf bħala tal-Gruwa limiti tas-Sannat, Għawdex u f'postijiet oħra ġewwa dawn il-Gżejjer;
>
> 1. mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' ħaddiehor f'periklu ċar, ikkaġuna ġriehi ta' natura gravi fuq il-persuna ta' George Curmi;

2. fl-istess data, ħin, lok u ċirkustanzi kkaġuna lil ħaddiehor biża' li se tintuża vjolenza kontrieh jew kontra l-proprjeta' tiegħu u dan għad-detriment tal-istess George Curmi;

3. fl-istess data, ħin, lok u ċirkustanzi filwaqt li kien qiegħed jagħmel delitt kontra l-persuna ta' George Curmi kellu fil-pussess tiegħu arma tan-nar, arma regolari, imitazzjoni ta' arma tan-nar jew imitazzjoni ta' arma regolari;

4. fl-istess data, ħin, lok u ċirkustanzi ħebb kontra l-persuna ta' George Curmi sabiex jingurjah, idejqu jew jagħmillu ħsara;

5. fl-istess data, ħin, lok u ċirkustanzi nġurja jew hedded lill-persuna ta' George Curmi;

6. fl-istess data, ħin, lok u ċirkustanzi kiser volontarjament il-bon-ordni jew il-kwiet tal-pubbliku;

7. fl-istess data, ħin, lok u ċirkustanzi qabad arma regolari kontra l-persuna ta' George Curmi.

F'każ ta' ħtija, il-Qorti giet mitluba sabiex tapplika l-Artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u ġiet mitluba wkoll tordna lill-imputat iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti skont l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, kif ukoll tordna l-konfiska tal-arma skont l-Artikolu 56 tal-Kapitolu 480.

**2.** Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, tal-24 ta' Frar, 2016, fejn il-Qorti, filwaqt li ma sabitx lill-imputat ħati tat-tieni (2) imputazzjoni miġjuba fil-konfront tiegħu u ta' Artikolu 340(d) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta ndikat fin-Nota ta' Rinviju għal Ġudizzju tal-Avukat Ġenerali datata 25 ta' Lulju 2012 u

b'hekk illiberatu minnhom, wara li rat in-Nota ta' Rinviju msemmija u senjatament l-Artikoli 214, 216(1)(a)(iii), 216(1)(b), 338(dd), 339(1)(b), 339(1)(d) u 339(1)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u kif ukoll l-Artikolu 55(a) tal-Kapitolu 480 tal-Liġijiet ta' Malta, sabet lill-imputat Joseph Curmi ħati tal-ewwel (1), tat-tielet (3), tar-raba' (4), tal-ħames (5), tas-sitt (6) u tas-seba' (7) imputazzjoni miġjuba fil-konfront tiegħu u kkundannatu għall-perjodu ta' tmintax (18) il-xahar priġunerija li b'applikazzjoni ta' l-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta ġew sospizi għal perjodu ta' tlitt (3) snin.

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem ordinarju l-import tas-sentenza u x'jiġri jekk jikkommetti reat ieħor fi żmien tlitt (3) snin.

Il-Qorti ordnat, *ai termini* ta' Artikolu 56 tal-Kapitolu 480 tal-Liġijiet ta' Malta, il-konfiska ta' *shot gun* Beretta EO 322/95 u, *ai termini* ta' Artikolu 57 tal-Kapitolu msemmi, issospendiet il-liċenza maħruġa taħt l-Att dwar l-Armi (Kapitolu 480 tal-Liġijiet ta' Malta) u pprojbiet lill-imputat milli jkollu xi liċenza taħt dak l-Att għal żmien ta' sena.

Il-Qorti, wara li rat Artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, rabtet lill-ħati b'garanzija personali ta' elf Euro (€ 1000) għal żmien sena mid-data tas-sentenza fil-konfront ta' George Curmi.

Finalment, *ai termini* tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti ordnat lill-ħati jħallas fi żmien xahar mid-data tas-sentenza l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' l-esperti f'dawn il-proċeduri, u ċioé s-somma ta' elf, tlitt mija u tmienja u disgħin Euro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (€1398.87).

**3.** Rat ir-rikors tal-appell ta' Joseph Curmi ppreżentat fir-reġistru ta' din il-Qorti fl-10 ta' Marzu, 2016, fejn talab lil din il-Qorti tikkonferma l-liberatorja in kwantu it-tieni akkuża kontrieh u għar-raġunijiet esposti fir-rikors tal-appell tirrevoka is-sentenza mil-bqija u tillibera lil imputat mill-akkużi kollha dedotti kontra tiegħu.

**4.** Rat l-atti u d-dokumenti kollha; semgħet lill-partijiet jittrattaw l-appell permezz tal-avukati tagħhom.

**5.** Il-fatti allegati tal-każ jistgħu jiġu riassunti kif ġej:

Fl-1 ta' Novembru 2011 George Curmi rrapporta l-għassa tal-pulizija tar-Rabat Għawdex li aktar kmieni kien fl-għalqa magħrufa bħala tal-Gruwa, fil-limiti ta' Sannat Għawdex u huwa w sejjer lejn il-kamra li għandu f'dik l-għalqa ltaqa' ma raġel u guvni saqsihom x'kienu qiegħdin jagħmlu hemm u keċċihom minn hemm. Hawnhekk inqala' argument bejniethom u waħda mill-persuni msemmija ppuntat senter fuq ir-riħ tiegħu u spara tir fid-direzzjoni tiegħu. Irriżulta li ż-żewġ persuni msemmija minn George Curmi kienu Joseph Curmi u ibnu Samuel Curmi. Meta ġie mitkellem mill-pulizija dakinhar tal-inċident Joseph Curmi għall-ewwel innega li dakinhar kien għamel użu minn xi arma u li kien fl-għalqa ta' George Curmi. L-għada Joseph Curmi irrilaxxja stqarrija wara li kien kellem lill-avukat tiegħu u stqarr li għalkemm fid-data tal-inċident kien għall-kaċċa ma ibnu fl-għalqa in kwistjoni huwa ġie aggredit minn George Curmi b'pala u għalhekk huwa u ibnu telqu minn fuq il-post iżda ġew segwiti minn George Curmi li beda jwaddbilhom il-ġebel . Joseph Curmi ċaħad li huwa spara lejn jew fil-viċinanzi ta' George Curmi. Meta eżaminat minn tabib dakinhar tal-inċident George Curmi nstab li kien qiegħed isofri minn ferita żgħira laċero-kontuża fuq in-naħa tal-lemin ta' wiċċu u *bruising* madwarha iżda ma nstabux ġrieħi oħra. Il-grieħi li nstabu ġew deskritti bħala ta' natura ħafifa salv komplikazzjonijiet.

**6.** Rat illi, għalkemm l-appellant issottomettieh taħt forma ta' żewġ aggravji, l-aggravju tal-appellant Joseph Curmi sostanzjalment huwa wieħed u ċioe' li l-apprezzament tal-provi li għamlet l-ewwel Qorti kien wieħed żbaljat u li altrimenti ma kienetx issib lill-appellant ħati.

**7.** Dwar din ix-xorta ta' aggravju il-ġurisprudenza ta' din il-Qorti hi ċara u kostanti fis-sens li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament tal-provi li tkun għamlet l-ewwel Qorti jekk mhux għal raġunijiet gravi b'mod li din il-Qorti tirrevedi l-apprezzament ta' dik il-Qorti fl-eventwalita' biss li l-ewwel Qorti ma setgħetx raġionevolment tasal għall-konklużjonijiet li waslet għalihom fuq l-iskorta tal-provi prodotti quddiemha.

**8.** Il-Qorti tibda biex tosserva li ma hu minnu xejn dak li allega l-appellant li l-ewwel Qorti bbażat ruħha "fuq il-probabbilita' u mhux fuq iċ-ċertezza tal-provi li tressqu jew li messhom tressqu quddiemha". Fl-ewwel lok huwa spropostu kbir li jingħad li l-ewwel Qorti kellha b'xi mod toqgħod fuq xi provi "li messhom tressqu quddiemha". L-uniċi provi li l-Qorti trid tagħmel apprezzament tagħhom huma dawk li tressqu quddiemha għalkemm in-nuqqas ta' xi provi jista' jiġġenera dubbju dwar l-affidabilita' tal-provi li jkunu tressqu quddiem il-Qorti, iżda l-apprezzament li tenuta tagħmel il-Qorti jibqa' dejjem tal-provi li tressqu quddiemha. Provi li ma nġiebux jistgħu jagħtu lok biss għal spekulazzjoni u xejn aktar minn hekk.

**9.** Inoltre, assolutament ma jirriżultax li l-ewwel Qorti b'xi mod straħet fuq il-probabbilita' u mhux fuq iċ-ċertezza tal-provi. L-ewwelnett il-grad tal-prova li jrid jiġi sodisfatt mill-prosekuzzjoni huwa dak 'l hinn mid-dubbju raġonevoli iżda mill-mod kif esprimiet ruħha l-ewwel Qorti jirriżulta ċar li anki kienet ċerta mill-konklużjonijiet tagħha u ma hemm xejn x'jindika li kellha xi inċertezza dwarhom.

**10.** L-ewwel Qorti ma qaletx biss li "l-imputat kien għall-kaċċa u spara għall-isturnell" u anqas straħet unikament fuq il-fatt li rriżulta li l-appellant fid-data, post u ħin tal-inċident spara senter. Qalet ukoll li "serenament tasal għall-konklużjoni illi x-xiehda mogħtija mill-parte ċivile, meta huwa ddeskriva x'għamel fil-konfront tiegħu l-imputat u kif ġew kaġunati l-feriti sofferti minnu, hija aktar kredibbli" u għaddiet

sabiex telenka dettaljatament x'wassalha għall-konvinċiment tagħha, bħall-komportament tal-parte ċivile fil-pedana tax-xhud, id-depożizzjoni quddiem il-Qorti, il-konsistenza ta' dik id-depożizzjoni ma' dak li x-xhud stqarr quddiem il-Maġistrat tal-Għassa, l-inkonsistenza tal-imputat meta għall-ewwel ċaħad li mar fl-għalqa tal-parte ċivile u li kien spara iżda wara aċċetta li kien mar f'dik l-għalqa u li kien spara, għalkemm fuq tajra u mhux fuq il-parte ċivile, abbinat mal-fatt li rriżulta li fuq l-imputat instabu residwi ta' sparar ta' arma tan-nar. Il-Qorti imbgħad waslet qalet li "Il-Qorti ma teskludix li l-imputat kien effettivament spara għall-sturnell, pero' hija tinsab sodisfatta li dan ġara qabel l-akkadut mal-*parte civile*." u kkonkludiet billi kategorikament waslet għall-konklużjoni li "il-Qorti tikkunsidra li l-verżjoni mogħtija mill-*parte civile* hija waħda kredibbli u li tirrifletti dak li ġara dakinhar tal-akkadut".

**11.** Ir-raġuni ewlenija għala il-ġurisprudenza hi fis-sens li din il-Qorti, bħala Qorti ta' reviżjoni, ma tiddisturbax l-apprezzament tal-provi li tkun għamlet l-ewwel Qorti jekk mhux għal raġunijiet gravi u fiċ-ċirkostanzi ġia msemmija[1] hija proprju dik mogħtija mill-ewwel Qorti fis-sentenza appellata u ċioe' fejn irriteniet li:

> "... din il-Qorti hija f'pożizzjoni ferm aktar favorevoli minn Qrati oħra met tiġi biex tagħmel apprezzament tax-xhieda u dan għaliex għexet il-proċess kollu tul medda ta' żmien u għalhekk kienet f'pożizzjoni, wara li semgħet x-xhieda kollha jixhdu *viva voce* quddiemha, teżamina l-imġieba u l-komportament tagħhom stante li kienet hi stess li kkonstatathom x'interess setgħa kellu xi xhud f'dak li xehed u jekk dak li qal kellux mis-sewwa jew le."

**12.** Hu għalhekk neċessarju li din il-Qorti tara jekk il-verżjoni ta George Curmi li kellha quddiemha l-ewwel Qorti, kemm dik bla ġurament kif ukoll dik bil-ġurament, kienetx tali li a bażi tagħha is-sejbien ta' ħtija tal-appellant mill-ewwel Qorti kienetx waħda raġonevoli.

[1] Ara paragrafu 7 *supra*

**13.** Fid-data tal-inċident u ċioe' fl-1 ta' Novembru 2011 għall-ħabta ta' 12.40 pm George Curmi, l-*parte civile*, rrapporta l-għassa Victoria[2] li kien għadu kemm ġie aggredit minn persuna meta kienu fl-għelieqi magħrufa Tal-Gruwa fil-limiti ta' Sannat Għawdex. Huwa ġie osservat li kellu f'wiċċu xi ġrieħi u ntbgħat għall-kura u wara rritorna lura l-għassa għal ħabta tas-1.10 pm. b 'ċertifikat mediku tat-tabib Dr. Coronato Grech li kien jgħid li George Curmi kellu ġrieħi ta' natura ħafifa. Fil-kors tal-proċeduri l-ġrieħi ġew ċertifikati bħala gravi mill-espert nominat mill-Qorti peress li dawn ħallew sfreġju fuq il-wiċċ.

**14.** George Curmi kompla jirrapporta li għall-ħabta ta' 12.00 pm waqt li kien qiegħed l-għalqa sejjer lejn il-kamra rurali li kellu huwa osserva persuna ma' ġuvni li kienu fl-għalqa 'l hinnn mill-kamra tiegħu u għalhekk huwa qal lil dik il-persuna sabiex jitlaq mill-għalqa iżda dan irrifjuta. X' ħin wasal fuq il-post George Curmi osserva lill-persuna msemmija b'senter awtomatiku jiġbor sturnell. Din il-persuna u l-ġuvni li kien miegħu mxew lejn il-kamra ta' George Curmi minkejja l-ordnijiet ta' George Curmi biex dan ma jagħmluhx. Il-persuna memmija qalet lil George Curmi li kienet sejra ġġib ħadida u di fatti marret ġabet ħadida li tintuża bħala *ammunition limiter* u qal lil George Curmi li kien ser jisparalu. George Curmi imbgħad qabad pala waddab xi gebel lejn dik il-persuna u hawnhekk dik il-persuna għolliet is-senter ftit 'il fuq minn fejn kien hemm George Curmi u spara tir. George Curmi deherlu li sigra tal-Ewkaliptus li kienet maġemb il-kamra rurali kienet ntlaqtet bit-tir. George Curmi mar wara l-kamra u sema l-persuna msemmija tgħidlu li ser terġa tisparalu, ħareġ xi skratċ mill-qmis li kien liebes u reġa kkarga s-senter. Hawn George Curmi dar lejn il-kamra u l-persuna msemmija u l-ġuvni li kien miegħu telqu minn fuq il-post. George Curmi rikeb fil-karozza tiegħu u saq mill-passaġġ tar-raba' lejn it-triq prinċipali. X'ħin waqaf f'tarf

[2] Okkorrenza Dok FAT1 fol 44-48

il-passaġġ qabel joħroġ fit-triq il-persuna msemmija reġgħet avviċinatu u tatu daqqa b'oġġett iebes x'aktarx xi ġebla jew bil-manku tas-senter fuq in-naħa tal-lemin ta' wiċċu. George Curmi qallu li ser jirrapporta l-każ lill-pulizija u l-persua l-oħra wieġbitu li jekk jagħmel hekk kien ikissirlu kollox. Hawnhekk infirdu u telqu minn fuq il-post.

**15.** Waqt li George Curmi kien qiegħed jagħmel ir-rapport tiegħu l-għassa daħal l-imputat u George Curmi mill-ewwel għarfu bħala l-persuna li huwa kien semma li kienet involuta fl-inċident.

**16.** Fl-istqarrija li George Curmi rrilaxxja lill-pulizija aktar tard fl-1 ta' Novembru 2011 huwa kien għal kollox konsistenti ma dak li rrapporta lill-pulizija appena wasal l-għassa u daqstant konsistenti kien l-istess George Curmi fid-depożizzjoni bil-ġurament li huwa ta quddiem l-ewwel Qorti fl-24 ta' Novembru 2011 u baqa' konsistenti anki matul il-kontroeżami li sarlu mid-difiża. Għalhekk din il-Qorti wara li eżaminat akkuratament il-provi kollha prodotti tara li l-konklużjoni tal-ewwel Qorti li tagħti affidament lix-xiehda ta' George Curmi, anki meta jittieħed qis taċ-ċirkostanzi l-oħra elenkati mill-ewwel Qorti fis-sentenza tagħha[3] u wara li anki l-ewwel Qorti, kif jgħid l-appellant stess, "fliet l-atti kollha b'reqqa u siltet mill-istess atti l-partijiet kollha saljenti tal-każ", kienet waħda għal kollox raġonevoli u li din il-Qorti tikkondividi.

**17.** L-appellant fl-appell tiegħu jagħmel riferenza għal numru ta' ċirkostanzi f'tentattiv sabiex jimmina l-kredibilita' tax-xhud George Curmi iżda l-ewwel Qorti li, kif ingħad, kellha l-okkażżjoni tisma' *viva voce* lix-xhud George Curmi, kienet tal-fehma li kien xhud kredibbli u li l-verżjoni tiegħu tirrifletti dak li ġara dakinhar tal-akkadut. Din il-Qorti ma ssibx raġunijiet suffiċjenti sabiex tiddipartixxi mill-apprezzament tal-ewwel Qorti f'dan ir-rigward u mill-konklużjonijiet minnha raġġunti bħala

[3] Ara paragrafu 10 *supra*

konsegwenza ta’ dan l-apprezzament, anqas wara li fliet dak li ġie sottomess fl-appell tal-appellant u fin-nota tal-osservazzjonijet tiegħu tas-6 ta’ Ottubru 2015 fl-ewwel Qorti.

Għaldaqstant din il-Qorti tiċħad l-appell ta’ Joseph Curmi u tikkonferma s-sentenza appellata, b’ dan li t-terminu ta’ sena rigward il-garanzija msemmii fis-sentenza appellata u t-terminu ta’ xahar ghall-hlas tal-ispejjez tal-esperti jibdew jiddekorru mill-lum.

(ft) Silvio Camilleri
Prim Imhallef

(ft) Silvana Grech
D/Registratur

Vera kopja

Ghar-Registratur